**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' Dicembru, 2018

Rikors Nru : 232/18AL

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elf disa` mija u erbgha u disghin (1994), u minn dan iz-zwieg twieldu

zewg ulied, W & L li llum ghandhom tlieta u ghoxrin (23) u ghoxrin (20) sena rispettivament.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin sa mill-ghaxra (10) ta’ Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008), u dana permezz ta’ kuntratt redatt min-nutar pubbliku Dr. Elena Farrugia LL.D, kopja ta’ liema kuntratt qieghda tigi hawn annessa u mmarkata, Dok MV1.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra l-fatt illi l-partijiet ilhom separati sa mill-elfejn u tmienja (2008), huma ormai ghandhom hajja totalment separati minn ma xulxin.

Illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward tal-manteniment kif jirrizulta mill-istess att li qieghed jigi hawn anness.

Illi in oltre l-esponenti tixtieq tirreverti ghal kunjom xbubitha, u cioe` ‘K’.

Talbet, l-intimat jghid ghaliex lil din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tawtorizza lir-rikorrenti tirreverti ghal kunjom xbubitha, u cioe` ‘Azzopardi’;
3. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghall-daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tas-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

4. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel dawk il-korrezzjonijiet kollha necessarji fid-dokumenti personali ufficjali, sabiex jirriflettu t-tibdil fil-kunjom tar-rikorrenti.

Rat in- nota tal-intimat li permezz taghha jiddikjara li ma ghandux oggezzjoni ghat-talbiet ta' AB b'dana illi ma ghandux jehel spejjez fir-rigward ta' dawn il-proceduri.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Mejju 2018;

Rat in-nota tal-intimat tal-5 ta' Settembru, 2018;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi ilhom legalment separati mill-10 ta' Gunju, 2008;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Illi r-rikorrenti talbet ukoll li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` 'K' u l-Qorti tilqa` din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jiehu l-provvedimenti kollha necessarji f'dan ir-rigward

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur

tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;